## PROFIL EX-SURMAST 1923-1930 MRO. CARMELO BUSUTTIL



Minn din is-sena, il-Bord Editorjali se jibda jippubblika tagħrif dwar xi surmast li kellha s-Soċjetà. Din is-sena s-surmast li sejrin infakkru huwa Mro. Carmelo Busuttil. Mill-1910 sa llum, l-Għaqda Mużikali G.M. Fra Ant. De Paule kellha disa' surmastrijiet diretturi. Is-Surmast Carmelo Busuttil kien ir-raba' surmast li kellha s-soċjetà.

Mro. Carmelo Busuttil twield f'Bormla fis-7 ta' Frar 1884, bin Lorenzo u Maria neè Langanà. Huwa kien interessat fil-mużika minn ċkunitu u beda jitgħallem taħt il-mużiċist mgħruf sewwa, Pawlinu Vassallo.

Mro. Carmelo Busuttil dam surmast ta' l-għaqda għal seba' snin, bejn l-1923 u l-1930. Matul iż-żmien li l-banda ta' l-għaqda kienet taħt it-tmexxija ta' dan is-surmast, għalkemm kienu snin diffiċli għas-soċjetà, is-Surmast Busuttil b'kuraġġ u dedikazzjoni żamm il-banda tas-soċjetà ħajja u attiva. Tant li fl-1924 il-Banda De Paule kienet esegwiet ProgrammMużikali taħt id-direzzjoni ta' dan is-surmast fil-pjazza fejn kien hemm is-suq ta' Raħal Ġdid. Is-Surmast Carmelo Busuttil kien wieħed mill-aħjar kurunettisti f'pajjiżna, tant hu hekk li kienu jsibuh bħala l-'Professur tal-Kurunetta'. Unur kbir għal dan is-surmast kien meta daqq bħala prima kurunetta mal-Banda San Ġorġ ta' Bormla fil-Bellini ġo Catania. Mro. Carmelo Busuttil dam għal għoxrin sena jdoqq prima kurunetta mal-Banda La Vallette fejn ma' din il-banda kien ta s-sehem tiegħu biex il-Banda La Vallette kienet ħarġet rebbieħa fil-konkors ta' programmi mużikali ġewwa Como.

Is-Surmast Carmelo Busuttil miet fl-4 ta' Settembru ta' l-1944 fl-età ta' 58 sena. Żgur li dan il-mużiċista kbir qatt m'hu se jiġi minsi mid-dilettanti tal-mużika, speċjalment mis-soċjetajiet mużikali, San Ġorġ ta' Bormla, La Vallette u De Paule ta' Raħal Ġdid.

**Joseph Herbert**

DIADORA

LIGHT YOUR FIRE

Di Milano

*Prop. M. Cachia - Diadora Specialist*

*OFFICIAL SPOSOR OF HIBERNIANS F.C.*

*58, Zabbar Road, Paola. Tel: 694107 Mobile: 0949 0393*